


# IL-ĦABIB TAL-GĦARUS: ĠWANNI L-BATTISTA FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev. Prof. Martin Micallef*

Fl-Evanġelju skont San Ġwann, Ġwanni (il-Battista)[1] jiddefinixxi lil Ġesù bl-użu ta' lingwaġġ matrimonjali meta jsejjaħlu "l-għarus" li miegħu hija magħquda l-għarusa, referenza għall-komunità ta' dawk li jemmnu fih. Ix-xbieha tal-għarus applikata għal Ġesù hija inserita fl-aħħar xhieda li Ġwanni l-Battista jagħti f'dan l-Evanġelju,[2] meta d-dixxipli tiegħu jgħidulu: "Rabbi, kien hemm raġel miegħek in-naħa l-oħra tal-Ġordan, dak li int xhedt għalih. Issa, ara, hu qiegħed jgħammed, u kulħadd sejjer għandu."[3]

Dan il-kliem jidher li jirrifletti l-kontroversja min-naħa tad-dixxipli ta' Ġwanni fir-rigward ta' dak li kien qed jagħmel Ġesù, kontroversja li ttawlet għal bosta sekli wara l-mewt ta' Ġwanni l-Battista, hekk kif dawn id-dixxipli baqgħu jisħqu li l-Messija kien Ġwanni, l-Imgħallem tagħhom u mhux Ġesù.[4] Huwa f'dan id-dawl li rridu nippruvaw naqraw stqarrijiet dwar Ġwanni l-Battista li nsibu f'dan l-Evanġelju.

Hekk, pereżempju, fil-Prologu, naqraw: "Kien hemm raġel mibgħut minn Alla, jismu Ġwanni. Dan ġie bħala xhud, biex jixhed għad-dawl, biex bih kulħadd jemmen. Ġwanni ma kienx id-dawl, imma ġie biex jixhed għad-dawl, dak id-dawl veru, li jdawwal kull bniedem, huwa u ġej fid-dinja."[5] Aktar tard Ġwanni nnifsu jistqarr: "Intom stess tistgħu tixhdu li jiena għedtilkom li 'jien m'iniex il-Messija,' imma biss li 'jien kont mibgħut qablu.'"[6] Ftit wara, Ġwanni l-Battista jkompli jistqarr: "Jentieġ li jikber hu u niċkien jiena."[7] B'din l-istqarrija l-Battista jurina li kien jaf u fehem tajjeb is-sejħa tiegħu u l-limiti ta' din l-istess sejħa meta nqabbla ma' dik ta' Ġesù.

## Il-leħen tal-għarus

Huwa f'dan il-kuntest li rridu nippruvaw nifhmu x-xhieda li l-Battista jagħti dwar Ġesù meta jgħid: "Dak li għandu l-għarusa huwa l-għarus; imma l-ħabib tal-għarus, li jkun ħdejh u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet."[8] Dan il-kliem ta' Ġwanni jagħmel użu minn lingwaġġ taż-żwieġ magħruf fil-Ġudaiżmu ta' żmien Ġesù u li kien jiddistingwi żewġ perjodi fiċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. L-ewwel kienet issir l-għerusija *(qiddushim)*, u madwar sena wara, kien isir iż-żwieġ proprju (*nissu'im),* fejn l-għarusa kienet tittieħed fid-dar tal-għarus biex jiġi kkonsmat iż-żwieġ.

Il-ħabib tal-għarus kien jissejjaħ *shosbin.*[9] Dan kien ikun ħabib ta' fiduċja tal-għarus u li kien jikkonkludi l-ftehim bejn iż-żewġ familji involuti fir-rigward taż-żwieġ li kien ser isir, billi jiftiehem fuq il-dota ma' missier l-għarusa. Akar tard, imbagħad kien ikun hu li jwassal lill-għarusa għand l-għarus, u li jorganizza l-festa tat-tieġ. Fil-Ġudaiżmu Rabbiniku *is-shosbin* – il-ħabib tal-għarus – huwa msemmi fil-Mishnah,[10] fejn naqraw kif *shosbinim,* wieħed min-naħa tal-għarus, u ieħor min-naħa tal-għarusa, kellhom jagħmluha ta' intermedjarji bejn iż-żewġ għarajjes qabel ma dawn imorru joqogħdu flimkien. Huma kienu jibqgħu f'din l-istess dar tal-miżżewġin friski sabiex jevitaw li xi ħadd jidħol fuq l-għarajjes u b'hekk iqanqal suspett dwar il-verġinità tal-għarusa.

Kien xogħol delikat intenzjonat biex jiggarantixxi l-verġinità tal-għarusa. Minħabba f'hekk nistgħu nifhmu wkoll kif dan ix-xogħol kien jitlob fiduċja u ħbiberija.[11] Il-ħbieb tal-għarajjes mela kellhom jibqgħu barra mill-kamra tas-sodda tal-miżżewġin friski u jifirħu meta jisimgħu l-għarus jifraħ fil-kamra tas-sodda. Tradizzjoni Rabbinika tgħid li s-*shosbin* jirreferi għall-Mulej Alla nnifsu, li għamilha ta' *shosbin* ta' Adam meta dan ħa lil Eva b'martu.[12]

## Ħdejn l-għarus

Dan l-isfond storiku-kulturali jgħinna


EC. AG.
DEI.



nappreżżaw aktar x'setaʼ kien qed jifhem Ġwanni l-Battista meta ddefinixxa lilu nnifsu bħala "il-ħabib tal-għarus." Il-Battista li qies lilu nnifsu bħala "il-ħabib tal-għarus" kellu l-missjoni li jlaqqaʼ lill-Kristu/il-Messija maʼ Israel jew aħjar lil dawk kollha li issa kienu lesti li jilqgħu lil dan l-Għarus, meta jkompli jżid: "Dak li għandu l-għarusa huwa l-għarus." [13] Dan hu l-ferħ taʼ Ġwanni meta huwa kien qed iwettaq din il-missjoni: "Dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet,"[14] tema li Ġesù jiżviluppaha waqt l-aħħar ċena meta jitkellem fuq il-ferħ veru tad-dixxipli. [15]

L-Evanġelista jkompli jgħidilna li l-ħabib tal-għarus, dak li jkun ħdejn l-għarus, jifraħ meta jisimgħuh. "Ikun ħdejn" – bil-Grieg: *hestekos* – "jisimgħu" – bil-Grieg: *akouon* – u "jifraħ" – bil-Grieg: *chara* [16] – huma tliet karatteristiċi tal-ħabib tal-għarus f'dan it-test. Santu Wistin jikteb: "Il-ħabib tal-għarus għalhekk kien bilwieqfa ħdejn l-għarus, jisimgħu. ... Xi jfisser tkun bilwieqfa? Ifisser tibqaʼ dejjem fil-grazzja milqugħa mill-Mulej. Li tisma leħnu, bħala dak li jagħtik il-ferħ. Hekk kien Ġwanni: huwa kien jaf l-għejun tal-ferħ tiegħu, u ma ppretendix li jkun xi ħadd li ma kienx; kien jaf li kien dak li jirċievi d-dawl u mhux dak li jagħti d-dawl .. ... Tfittex xejn aktar, u titlifx dak li rċevejt."[17]

## Il-festa tat-tieġ

Interessanti li fix-xhieda tal-Battista dwar "l-għarus" ma nsibu l-ebda referenza għall-festa jew l-ikla tat-tieġ, tema li tiddomina l-episodju tat-tieġ f'Kana tal-Galilija li nsibuh irrakuntat ftit qabel dan il-kliem tal-Battista fir-Rabaʼ Evanġelju.[18] Hawnhekk ukoll Ġesù jiġi muri bħala l-għarus veru li kien responsabbli milli jipprovdi l-inbid waqt it-tieġ tiegħu.[19] Sabiex nappreżżaw aktar dan kollu rridu nagħqdu dan l-episodju mal-kuntest li fih hu rrakkuntat, jiġifieri s-serje taʼ jiem li jiffurmaw l-ewwel żewġ kapitli taʼ dan l-Evanġelju.

Fl-ewwel jum, il-Battista jiddikjara li hu mhuwiex il-Messija; "l-għada"[20] huwa ra lil Ġesù u ipproklamah bħala "il-Ħaruf taʼ Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja"; "l-għada"[21] Ġesù ltaqaʼ mal-ewwel żewġ dixxipli u maʼ Pietru; "l-għada"[22] Ġesù sejjaħ lil Filippu u ltaqaʼ maʼ Natanjel. "Fit-tielet jum"[23] imbagħad, seħħ it-

tieġ f'Kana, li għalih kienu mistiedna omm Ġesù, Ġesù u d-dixxipli.[24]

Din l-istess espressjoni "fit-tielet jum" li biha jiftaħ l-episodju ta-tieġ f'Kana tal-Galilija nsibuha użata darbtejn fil-Ktieb tal-Eżodu.[25] Hawnhekk naqraw kif il-Mulej Alla ordna lil Mosè biex iħejji l-poplu għar-rigal tal-Liġi li kienet se tingħata "fit-tielet jum" fuq il-muntanja Sinaj. Kien f'din il-ġrajja li l-Mulej iżżewweġ lill-poplu tiegħu permezz tal-Patt li wettaq magħhom. Issa "fit-tielet jum" Ġesù, l-għarus veru, ipprovda dan l-inbid ġdid simbolu tal-imħabba kbira tiegħu lejn l-għarusa li f'dan l-episodju ma tissemma qatt.

## L-għarus u l-għarusa

F'dan il-kuntest tal-ġrajjiet irrakkuntati f'dawn l-ewwel jiem fil-bidu nett tar-Raba' Evanġelju naqraw ukoll il-mistoqsija li Ġesù jagħmel lill-ewwel żewġ dixxipli li marru warajh: "X'qegħdin tfittxu?" – bil-Grieg: *ti zeteite;*[26] Ġesù jerġa' jagħmel din il-mistoqsija, għalkemm b'differenza, lil Marija ta' Magdala lejn l-aħħar tal-Evanġelju meta dehrilha fil-ġnien fejn kien hemm il-qabar: "Lil min qegħda tfittex?" – bil-Grieg: *tina zeteis;*[27] Jidher li fl-użu tal-verb "tfittex" speċjalment f'dan l-aħħar eżempju, San Ġwann kien qed jistrieħ fuq il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet, fejn niltaqgħu mal-għarusa 'tfittex' lill-għarus sakemm issibu.[28]

Kull min tassew hu interessat li jkun dixxiplu ta' Ġesù, bil-fors mela, irid jitgħallem iwieġeb għall-misoqsija ta' dan l-għarus: "X'qegħdin tfittxu?" jew "Lil min qegħda tfittex?" Hija biss meta d-dixxiplu jasal biex jagħti t-tweġiba għal din il-mistoqsija li jista' tassew jidħol f'rabta ma' dan l-għarus.

## Konklużjoni

Meta r-Raba' Evaneġlista juri lil Ġwanni l-Battista jippreżenta lilu nnifsu bħala "l-ħabib tal-għarus" huwa mela, kien qed jgħin lill-qarrejja tiegħu jifhmu li l-missjoni ta' Ġwanni l-Battista kienet waħda ta' xhieda għal dan l-għarus li l-miġja tiegħu kienet se tissarraf f'għotja dejjiem ta' mħabba vera lejn dawk kollha li kienu lesti jilqgħuh. Dan kollu jirrifletti wkoll





dak li nsibu fil-letteratura profetika fejn il-Mulej Alla hu muri bħala għarus li jidħol f'għerusija ta' mħabba dejjiema mal-poplu tiegħu. Dan il-lingwaġġ issa ġie użat mir-Raba' Evanġelista biex jitkellem dwar il-persuna ta' Ġesù, "il-għarus" li "għandu l-għarusa."

## Referenzi

1 F'dan l-Evanġelju, Ġwanni qatt ma jissejjaħ "il-Battista" għaliex il-ġrajja tal-magħmudija ta' Ġesù hija maqbuża f'dan l-Evanġelju. Insejħulu "il-Battista" sabiex nagħmlu distinzjoni bejnu u l-awtur ta' dan l-Evanġelju li fit-Tradizzjoni antika tal-Knisja hu magħruf bħala l-Evanġelista San Ġwann.

2 Ara Ġw 3:25-30.

3 Ġw 4:26.

4 Dwar id-dixxipli ta' Ġwanni l-Battista u t-twemmin fl-imgħallem tagħhom bħala l-Messija, ara John Painter, The Quest for the Messiah: The History, Literature and Theology of the Johannine Community (Edinburgh: T&T Clark, 1993), 119-122.

5 Ġw 1:6-9.

6 Ġw 3:28.

7 Ġw 3:30.

8 Ġw 3:29.

9 Ara R. Infante, "L'amio dello sposo nel quarto Vangelo," Rivista Biblica 31 (1983): 3-19.

10 Ara Sanhedrin 3,5 u Bava Batra 9,5, anke jekk dan it-tagħlim imur lura qabel ir-redazzjoni tal-Mishnah. It-test l-aktar antik hu meħud mill-Tosefta, tKetubot 1,4, li mbagħad sar jagħmel parti mit-Talmud ta' Babilonja. Ara bKetubot 12a. Ara wkoll, Frédéric Manns, Sinfonia Sponsale nel

Vangelo di Giovanni (Napoli: Chirico, 2019), 90-100.

11 Ara Étainne Trocmé, "Jean 3,29 et le thème de l'époux dans la tradition pré-évangelique," Revue des Sciences Religieuses 69 (1995): 13-18. San Pawl jiddefinixxi xi ħaġa simili meta lill-Korintin jiktbilhom: "Jien għarrastkom lil għarus wieħed, bħallikieku kontu xebba safja biex inressaqkom quddiem Kristu" (2 Kor 11:2).

12 Ara bErubin 18a.

13 Ġw 3:29.

14 Ġw 3:29.

15 Ara Ġw 15:11; 16:24.

16 Ġw 3:29.

17 Agostino, Commento al Vangelo di Giovanni, Omelia 4,2-3 (Roma: Città Nuova, 2005).

18 Ara Ġw 2:1-11.

19 Dwar dan il-punt ara, Martin Micallef, Dawn inkitbu biex intom temmnu: Studji fuq l-Evanġelju u l-Ittri ta' San Ġwann, u l-Apokalissi (Malta: Kite, 2023), 207-221.

20 Ġw 1:29.

21 Ġw 1:35.

22 Ġw 1:43.

23 Ġw 2:1.

24 Din is-serje ta' jiem tfakkarna fil-jiem tal-ħolqien tal-dinja, li jagħlqu bil-ħolqien ta' Adam u Eva. Ara Ġen 1:27. Dwar dan ix-xebh ara, Carlos Raúl Sosa Siliezer, Creation Imagery in the Gospel of John. Library of New Testament Studies 546 (London/New York: T&T Clark 2018).

25 Ara Eż 19:10-19.

26 Ġw 1:38. Dwar l-użu ta' din il-kelma f'dan l-Evanġelju ara, Martin Micallef, The Importance of Zeteo in the Gospel of John (Malta: University of Malta, 2010).

27 Ġw 20:15.

28 Dwar dan ara, A.R. Winsor, A King is Bound in the Tresses. Allusions to the Song of Songs in the Fourth Gospel. Studies in Biblical Literature 6 (New York: Lang, 1999).